Dok 64

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell,* 18 II 2014
*C(2014) 649 finali*

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru {COM(2013) 409 finali}.*

*Il-Kamra tad-Deputati tqis li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li għamlet il-proposta tagħha dwar il-Blokk ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali (Functional Airspace Blocks, FABs) mingħajr ma tħalli lil miżuri preċedenti tal-UE jidħlu fis-seħħ u mingħajr ma ppreżentat każ ta' sikurezza.*

*Wara li eżaminat l-Opinjoni Motivata, il-Kummissjoni tixtieq tirrimarka li l-kwistjoni tal-FBAs mhijiex parti mill-proposta tal-Kummissjoni COM(2013) 409 finali. Kwistjonijiet relatati mal-FBAs huma indirizzati fi proposta oħra tal-Kummissjoni {COM(2013) 410 finali}. Peress li l-Parlament Malti ħareġ ukoll Opinjoni Motivata separata dwar dik il-proposta, il-Kummissjoni indirizzat il-kwistjoni tal-FBAs fit-tweġiba għall-Opinjoni Motivata tal-aħħar.*

*Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifiki mogħtija fit-tweġiba msemmija hawn fuq se jindirizzaw il-kwistjonijiet imqajjma mill-Kamra tad-Deputati u hija ħerqana biex tkompli dan id-djalogu politiku fil-ġejjieni.*

*Għoddni dejjem tiegħek,*

*Maroš Šefcovič*
*Viċi President*

*Dr Anġlu FARRUGIA*
*President tal-*
*Kamra tad-Deputati*
*Il-Palazz*
*MT – VALLETTA CMR 2000*